MINISTERU TAX-XOGĦOL, KULTURA U GĦAJNUNA SOĊJALI

# KANT U ŻFIN NAZZJONALI

## TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

# 民族歌舞

MALTA, NOVEMBRU 1980

1980年 11月 于馬耳他

826

# IL-MINISTERU TAX-XOGHOL, KULTURA U GHAJNUNA SOĊJALI

JIPPREŻENTA

# L-ENSEMBLE NAZZJONALI TAŻ-ŻFIN U KANT TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

中华人民共和国民族歌舞团

SALA REPUBBLIKA
DAR IL-MEDITERRAN — VALLETTA
*9, 10, 11, 12, ta' NOVEMBRU, 1980*

RABAT GHAWDEX
TEATRU AURORA — *14 ta' NOVEMBRU, 1980*
TEATRU ASTRA — *15 ta' NOVEMBRU, 1980*




# Merħba



F'isem il-Poplu Malti u Għawdxi nagħti merħba lill-Ensemble Nazzjonali tal-Kant u Żfin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Huwa unur għalina li dan l-Ensemble magħruf ġie jżurna. Naf li l-mexxejja u l-membri ta' l-Ensemble ġabu magħhom ix-xewqat tajba tal-Gvern u l-Poplu taċ-Ċina u, bħala l-Ministru responsabbli għall-Kultura, nilqagħhom bil-ferħ għax il-poplu tagħna kollu għandu l-akbar rispett għall-poplu ħabib Ċiniż.

Iż-żjara ta' dan l-Ensemble hija sinjal ieħor tal-ħbiberija li tgħaqqad lill-Gvern u l-poplu Malti mal-Gvern u l-Poplu Ċiniż. Dan huwa t-tielet grupp ta' artisti li ġie Malta bis-saħħa tal-ħbiberija li tgħaqqad liż-żewġ Gvernijiet u liż-żewġ popli, u jiena żgura li mhux ser ikun l-aħħar wieħed. F'dawn l-aħħar snin il-Gvern u l-Poplu taċ-Ċina għenu lil Malta f'bosta oqsma. Ħaddiema Ċiniżi ħadmu id f'id ma' ħaddiema Maltin fuq proġetti ta' siwi kbir għall-ekonomija Maltija. Il-bżulija u l-imġieba tagħhom kienu dejjem u kullimkien ta' eżempju għalina lkoll. Kif jixraq din il-ħbiberija tgħaqqadna f'kull qasam tal-ħajja u jiena ferħana li dan l-Ensemble magħruf laqa' l-istedina tiegħi u ġew iżuruna biex juru l-ħila artistika tagħhom lill-pubbliku tagħna.

Il-Kultura hija mezz onest, sabiħ u divertenti li bih il-popli kollha jistgħu jsiru jafu aktar lil xulxin. Kull meta kelli okkażjoni nibda kuntatti ta' din ix-xorta, dejjem ħeġġiġt lill-Gvernijiet barranin ħbieb tagħna sabiex gruppi ta' artisti tagħhom jiġu jżuruna. Dan nagħmlu bil-qalb, mhux biss għax huwa dover tiegħi, iżda għax naf fis-sewwa li b'hekk il-poplu tagħna jsir jaf il-ħbieb tagħna aktar mill-qrib, nifhmuhom aħjar u, għalkemm bogħod minn xulxin, inħossuna aktar qrib tagħhom. Dan igħodd ħafna fil-każ tagħna u taċ-Ċina. Permezz ta' kuntatti fuq ix-xogħol, fil-qasam kulturali u f'oqsma oħra aħna llum inħossuna ferm aktar qrib tal-Poplu taċ-Ċina minn tmien snin ilu, meta għalina ċ-Ċina kienet għadha art misterjuża.

Il-muzika, kant u żfin li ser nisimgħu u naraw fit-Teatru tagħna matul il-programmi ta' l-Ensemble Nazzjonali tal-Kant u Żfin tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, żgur li ser nibqgħu niftakruhom għal żmien twil. Dan ngħidu b'wiċċi minn quddiem għax ilkoll nafu bid-dedikazzjoni u l-ħerqa għall-perfezzjoni ta' l-artisti Ċiniżi. L-Ensemble huwa magħruf mhux biss fiċ-Ċina iżda f'bosta pajjiżi u l-wirjiet li ser jagħtu f'Malta u f'Għawdex ser ikomplu jgħollu l-isem tajjeb li l-artisti Ċiniżi jgawdu fostna.

Waqt li nizzi ħajr lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li għoġbu jibgħat lill-Ensemble f'Malta nawgura lill-mexxejja u l-membri kollha ta' l-Ensemble kull suċċess kemm f'Malta u Għawdex kif ukoll f'artijiet oħra barranin.

Agatha BARBARA
Ministru tax-Xogħol, Kultura
u Għajnuna Soċjali

L-Orkestra





Iż-Żeffiena

L-Ensemble Nazzjonali tal-Kant u Żfin taċ-Ċina twaqqaf fl-1952 bl-inizjattiva ta' Wu Xiaobang, illum President ta' l-Għaqda taż-Żeffiena taċ-Ċina. B'kollox dan l-Ensemble għandu 280 membru bejn mużiċisti, kantanti u żeffiena — l-aqwa fiċ-Ċina. Bejniethom jirrappreżentaw 29 grupp etniku mxerrda maċ-Ċina.

Minn żmien għall-ieħor uħud minnhom jintgħażlu biex jagħmlu żjajjar barra ċ-Ċina. L-Ensemble żar bosta pajjiżi fl-Asja, l-Ewropa u l-Amerka Latina. Din id-darba kien imiss il-Jugoslavja u Malta. Il-ġemgħa ta' 34 ruħ tinkludi wkoll, fost oħrajn, uħud ta' nisel Ifan, Mongoljan, Hiri, Uighur, Knean, Man, Tong, Dai u Bai. Dawn huma kollha gruppi etniċi li, għalkemm ta' nazzjonalità Ċiniża, baqgħu jżommu ħaj il-wirt folkloristiku ta' missirijiethom. L-Ensemble Nazzjonali tal-Kant u Żfin taċ-Ċina jgħin biex dan il-wirt ta' folkloristiku tal-gruppi etniċi jiġi żviluppat u b'hekk ir-repertorju tiegħu huwa akbar u aktar varjat.



## BAOINBATU

**Kap ta' l-Ensemble u Direttur Artistiku**

Baoinbatu huwa żeffien magħruf ta' oriġni Mongoljana. Huwa membru tal-Kumitat Nazzjonali ta' l-Għaqda tal-Kittieba u Artisti taċ-Ċina u membru tal-Kunsill ta' l-Għaqda taż-Żeffiena Ċiniżi. Baoinbatu ilu midħla taż-żfin għal dawn l-aħħar ħamsa-u-tletin sena; beda bħala żeffien u wara għadda għal koreografija. Għamel isem kbir biż-żifniet Andai, Xizi, iż-żifna tat-Tieġ Buliyata, u ż-żifna tal-Kaċċaturi. Illum jiddedika ħinu kollu għall-Ensemble Nazzjonali taż-Żfin u Kant taċ-Ċina.




## IŻ-ŻFIN

| | |
|---|---|
| QAWSALLA | Żifna tal-Poplu Owenke li hi simbolu tal-ħbiberija bejn ġens u ieħor. |
| GHASSA MAL-FANALI | It-tfal tal-poplu Han iħobbu ferm din iż-żifna. Mill-mod kif iż-żeffiena jdawru l-kpiepel ninnotaw il-ferħ tat-tfal waqt li jilagħbu bil-fanali. |
| RGHAJJA TAŻ-ŻWIEMEL | Fil-Mongolja l-irġiel jirgħu ż-żwiemel mir-Rebbiegħa sal-Harifa u x-xogħol ma jehda qatt . . . .<br>Żeffiena soloisti: En Ke<br>Meng Jianhua |
| FERH FL-IMRIEHEL | Żifna tar-raħħala tat-Tibet |
| ARA TILHAQNIX! | Ir-ross qed jinħasel u jinġabar. Il-poplu Yi jiċċelebra wiċċ u ħsad tajjeb b'din iż-żifna. |
| IL-ĠBIR TAT-TUFFIEH | Din iż-żifna għall-irġiel u ta' oriġni Korean turina żgħażagħ jaħdmu l-qfief għall-ġbir tat-tuffieħ.<br>Prim Żeffien: Luo Yingfu |
| QADDIEF TAL-BRAKEN | Żifna għal wieħed<br>Żeffien: Meng Jianhua |
| SAJDA | Żifna għal tnejn<br>Żeffiena: Xian Jialin<br>Jin Shenshu |
| SKULTURA TA' DUNHUANG | Din iż-żifna għal ballerina tfakkarna f'wieħed mit-teżori ta' l-imgħoddi taċ-Ċina—it-Tempju tal-Buddha f'Dunhuang.<br>Żeffiena: Sun Kuilan |
| IX-XALL AHMAR | *Dong Lixin* li tiżfen din iż-żifna tidher b'xall aħmar kbir parti mill-kostum tal-Poplu Yi. |
| DOQQ IT-TANBUR – IL-HSAD TAJJEB | It-Tanbur twil jispikka fil-folklor Koreaħ. *Shun Shunnu* ta' oriġni Koreana tfisser il-ferħ tagħha, wara ħsad tajjeb, biż-żfin mad-daqq tat-tanbur. |
| KPIEPEL TAT-TIBEN | Żifna għan-nisa, popolari mal-Poplu Li li jgħix fuq il-gżira Hainan in-naħa tax-Xlokk taċ-Ċina. |



Iz-żifna — 'Kpiepel tat-Tiben'

L-Għanja tar-Rebbiegħa



## Kantanti

Liang

Il-kant jinkludi solos mis-Sopran Fang Ming
mill-Mezzo Sopran Tetema
mit-Tenur Jiang Xunzhi

u għanjiet mill-kantanti: Buniyazi
Zhao Yi
Li Rong

## Mużiċisti

L-Orkestra ta' strumenti tradizzjonali Ċiniżi hija mmexxija minn Liu Chongzeng.

Il-mużiċisti huma: Song Baocia
Wubuli Kasaimu
Bake Maimaiti
Yang Shaozong
Zhao Feng
Zhao Zongren
Peng Yinglin

80.11.16

## Żeffiena

Luo Yingfu (Prim Żeffien)
Meng Jianhua
Xian Jialin
En Ke
Jia Qinglian
Liu Weidong
Tao Shaoquan
Dong Lisin
Li Huali
Sun Guilan
Yang Lihua
Jin Shenshu
Shen Shunnu
Suo Rina

••••••••••••••••

| | |
|---|---|
| Direttur tal-Palk: | Yu Daiyan |
| Effetti Tekniċi: | Kong Fanxin |
| Dwal: | Jin Chengche |
| Organizzazzjoni u Ko-ordinazzjoni: | Ling Shenxiu<br>Gao Guangchao<br>Jos. N. Attard |
| Compère: | Marija Camilleri |






Fang Ming: Sopran



Tetema: Mezzo-Sopran



Liu Chongzeng: Direttur ta' l-Orkestra






Buniyazi: Kantanta Folkloristika




Li Rong, Zhao Yi — Kantanti

Jiang Xunzhi: Tenur

Hotel

# PHOENICIA

The Mall Floriana Malta, Telephone: 25241/21211

*The Gem of the Mediterranean*



## Where eating out remains a pleasure

The pleasure of eating out starts the moment you enter a restaurant. This is certainly your experience when you lunch or dine at the Hotel Phoenicia. The warmth of the welcome, combined with tradition, elegance, music and a serious attitude to good food and attentive service complete the atmosphere. Savour for yourself the pleasure of eating out.

**Enjoy a selection of Curries and Snack Dinners served at the Pegasus Bar upto Midnight.**

thf
**Hotels**
A Trusthouse Forte Hotels Ltd/
British Airways Hotel



Men Jianhua fiż-żifna 'Qaddief tal-Braken'

Stamperija tal-Gvern